MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2010

Talba Numru. 1028/2009

Defranco Enterprises Limited (C5856).

Vs

Christopher Zarb (Id. 38767M).

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta’ elfejn, erba mija, wiehed u sebghin ewro u wiehed u tletin centezmu (€2,471.31) minghand il-konvenut, rapprezentanti in kwantu ghal elf, tlett mija u disa’ u sebghin ewro u tnejn u hamsin centezmu (€1379.52) bilanc ta’ prezz ta’ merkanzija ordnata minnu u kkonsenjata lill-konvenut; u in kwantu ghal hames mija u tnejn u erbghin ewro u hamsin centezmi (€542.50) import ta’ ‘cheque’ li ma giex onorat; u in kwantu ghal hames mija u disa’ u erbghin euro u ghoxrin centezmu import ta’ ‘cheque’ iehor li ma giex onorat, flimkien ma l-imghax kummercjali komputat a) fir-

rigward ta' l-ewwel somma mill-11 ta' Lulju 2008 li hija d-data ta' l-ahhar konsenja, b) fir-rigward tat-tieni somma mit-23 ta' Gunju 2008 li hija d-data tac-cekk u fir-rigward tat-tielet somma mit-23 ta' Lulju 2008 li hija d-data tac-cekk. Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju u tal-mandat ta' qbid kawtelatorju li gew pprezentati kontestwalment kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi.

Ra l-verbal tas-seduta tas-6 ta' Mejju 2010 fejn deher il-konvenut u ammetta t-talba attrici kif dedotta kontra tieghu.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta ppruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba, u jikkundanna l-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn, erba mija, wiehed u sebghin ewro u wiehed u tletin centezmu (€2,471.31) bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**Av. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------